# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**AVV. DR. ILONA SCHEMBRI**
**LL.B., LL.D., LL.M. (Lond.), Ph.D. (Birm.)**

**Udjenza tas-6 ta' Mejju 2024**

**Talba nru. 280/2023 IS**

**HAS CONSTRUCTION LTD. (C 97070)**

***VERSUS***

**ABDULLAH KARAKUS (I.D. 0272087 (A))**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi b'Avviż tat-Talba ippreżentat fid-9 ta' Awwissu 2023 (a fol. 1 et seq), is-soċjeta´ attriċi talbet l-ammont ta´ elf u tliet mija u dsatax-il Ewro u tlieta u tmenin ċenteżmi tal-Ewro (Eur 1319.83) rappreżentanti flejjes inġuestament imħallsa lill-konvenut u kumpens għal perjodu ta' *notice* mhux maħdum flimkien mal-imgħax u mal-ispejjeż tal-ittra legali u l-ittra uffiċjali u l-ispejjeż ġudizzjarji.

Ra d-digriet ta' dan it-Tribunal tal-11 ta' Awwissu 2023 fejn is-soċjeta´ attriċi ġiet awtorizzata tipproċedi bin-notifika tal-konvenut (a fol. 11).

Ra illi l-konvenut ġie debitament notifikat bil-proċedura tal-affissjoni fis-6 ta' Novembru 2023 (a fol. 19).

Ra illi saret ukoll fil-kompletezza tagħha il-proċedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni mis-soċjeta' attriċi.

Ra illi l-konvenut ma ppreżenta ebda risposta u/jew kontro-talba u anqas deher għas-seduta wara li ġie innotifikata b'dan illi waqa' fi stat ta' kontumaċja u dan skond il-verbal datat 24 ta' Jannar 2024 (a fol. 30).

Ra illi s-soċjeta' attriċi ippreżentat il-kapitolu fil-konfront tal-konvenut fl-1 ta' Frar 2024 (a fol. 32).

Ra illi saret seduta oħra fl-14 ta' Frar 2024 għas-subizzjoni tal-konvenut b'dan illi għal darb'oħra il-konvenut naqas milli jidher (a fol. 33).

Ra l-atti proċesswali.

Ra illi din il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidra

Mill-provi u xhieda prodotti, dan it-Tribunal seta' jara illi is-soċjeta' attriċi kienet ingaġġat lill-konvenut sabiex jaħdem magħha, u dan skond il-kopja tal-kuntratt tal-impjieg li tinsab a fol. 60 sa 63.

Il-kontumaċja tal-konvenut

Hekk kif għadu ġie rrimarkat hawn fuq, jidher mill-proċess illi l-konvenut ma ressaq ebda risposta u/jew kontro-talba u anqas deher għas-seduta wara li ġie innotifikata b'dan illi waqa' fi stat ta' kontumaċja b´dan illi jwassal illi l-konvenut hu fi stat ta´ kontumaċja.

It-Tribunal josserva illi l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba tas-socjeta´ attriċi da parti l-konvenut iżda kontestazzjoni ta' l-istess. Għalkemm il-konvenut baqa' kontumaċi, dan ma jfissirx li huwa abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħmel fil-kawża u ammetta id-domandi. F'każ ta' kontumaċja jibqa' l-oneru fuq is-soċjeta´ attriċi li tressaq provi sal-grad ta' probabbilità u li tressaq l-aħjar prova. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-kontumaċja tal-konvenut (ara ***Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta' Novembru 2002). L-istess intqal fis-sentenza ***Blye Engineering Co. Ltd vs. Philip Borg Bellanti et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fit- 22 ta' Ġunju 2005:

> "*huwa wkoll principju ben stabbilit illi ghalkemm il-konvenut jibqa' kontumaci dan ma kellux jinftiehem bhala li hu abbanduna kull eccezzjoni li seta' jaghti fil-kawza u ammetta d-domanda. Sta ghall-gudikant li jezamina jekk it-talba hix gustifikata, indipendentement mill-kontumacja tal-konvenut*. Vide Kollez. Vol. XXIX P III p 35"

Inoltre´, fis-sentenza fl-ismijiet ***Joseph Edmond sive Jesmond Meilaq vs. Brian Mizzi et noe***, deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fis-27 ta' Marzu 1996 ingħad:

> *"Illi fl-ahharnett irid jinghad illi skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna, il-konvenut li jibqa' kontumaci, bhal kaz odjern, ma jitqiesx li ammetta ttalba ta' l-attur, izda jitqies li jkun irrimetta ruhu ghall-gudizzju tal-Qorti. Dana ma jfissirx pero' li l-Qorti tista' tqajjem hija*

> *stess ex officio kwalunkwe eccezzjoni li l-konvenut seta' jqajjem kieku kkontesta l-kawza billi kif gie ritenut fis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell in re Hammet vs Genovese moghtija fil-31 ta' Jannar 1991:*
>
> *"Il-Qorti m'ghandhiex tissolleva eccezzjoniiet li mhiex awtorizzata espressament mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jew minn konsiderazzjonijiet ta' ordni Pubblika. Ghaliex altrimenti tinholoq sitwazzjoni fejn il-Qorti tiddeciedi fuq eccezzjoni taghha stess haga li mhix rakkomandabbli billi tinvolvi vjolazzjoni ta' principju kardinali tas-smiegh xieraq tal-kawza;""*

L-istitut tal-kontumaċja hu intiż biss sabiex irażżan l-atteġġjament tal-kontumaċja u disprezz da parti ta' min ġie ċitat biex jersaq quddiem l-Onorabbli Qorti jew Tribunal (ara **Kummissarju tal-Artijiet vs. John Curmi** deċiża mill-Prim' Awla fil-31 ta' Jannar 2003).

<u>L-azzjoni tas-socjeta´ attriċi</u>

Ġjaladarba l-kontumaċja waħedha ma tkunx biżżejjed sabiex tipprova l-azzjoni tas-soċjeta' attriċi, ikun important illi s-soċjeta' attriċi tippreżenta l-provi kollha illi hi għandha sabiex issaħħaħ it-talba tagħha. F'dan il-każ, is-soċjeta' attriċi ippreżentat *statement of account* dettaljat li juri kull pagament li rċieva l-konvenut u allura ż-żieda illi huwa rċieva u li jinsab a fol. 38 kif ukoll transaction statements li jinsabu a fol. 39 sa 59, diversi payslips li juru tali paga li kellu jirċievi l-konvenut fix-xahar u anke l-kuntratt tal-impjieg illi jinsabu minn fol. 60 sa 77.

B'dan illi tali Tribunal m'għandu ebda dubju dwar l-ammont ta' żieda fil-paga li rċieva l-konvenut u li ma huwiex intitolat għalihom u dan **għall-ammont ta' disa' mija u sbatax-il Ewro u tlieta u disgħin ċenteżmi tal-Ewro (Eur 917.39).**

Fir-rigward tan-*notice period*, dan it-Tribunal jinnota li skond il-kuntratt tal-impjieg ippreżentat mill-konvenut, u li jinsab a fol. 60 sa 63, tali impjieg kien wieħed definit u mhux indefinit. B'dan illi pero' jidher illi tali kuntratt kien ikopri il-perjodu minn Marzu 2021 sa Marzu 2022, u la l-konvenut kellu bżonn permess sabiex jaħdem Malta, skond l-*istatement of account* li jinsab a fol. 38, tali perjodu seta' kien minn Lulju 2021 sa Lulju 2022. B'dan ukoll illi s-soċjeta' attriċi ma ppreżentatx kuntratt ta' impjieg ieħor li juri terminu ieħor u għalhekk skond l-Artikolu 34 (2) tal-Att Dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta, tali kuntratt trasforma ruħu f'wieħed indefinit b'dan illi skond l-imsemmi Att it-Tribunal Industrijali m'għandux kompetenza iżda tali talba trid tkun deċiża minn dan it-Tribunal skond il-Liġi. Ukoll, skond id-dokumentazzjoni kollha ppreżentata mis-soċjeta' attriċi, u li tinsab a fol. 38 sa 77, jidher illi l-konvenut għamel iktar minn sentejn jaħdem mas-soċjeta' attriċi b'dan illi la darba l-konvenut qabad u telaq huwa jrid iħallas bħala kumpens lis-soċjeta' attriċi u dan skond l-Att Dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta.

B'dan illi tali Tribunal m'għandu ebda dubju dwar l-ammont ta' żieda fil-paga li rċieva l-

konvenut u li ma huwiex intitolat għalihom u dan **għall-ammont ta' erba' mija u ħewġ Ewro u erbgħa u erbgħin ċenteżmi tal-Ewro (Eur 402.44).**

<u>Imgħax</u>

Fir-rigward ta' dan l-ammont dovut mill-konvenut lis-soċjeta' attriċi, is-soċjeta' attriċi qiegħda titlob l-imgħax. F'dan ir-rigward, it-Tribunal jagħmel referenza għall-artikolu 1141 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. F'dan il-każ, jidher illi tali obbligazzjoni hija ta' natura kummerċjali skond Artikolu 5 (e) il-Kodiċi tal-Kummerċ, Kap. 13 tal-Liġijiet ta' Malta. B'dan illi għaldaqstant, għandu japplika is-sub-artikolu 1 tal-Artikolu 1141 hawn imsemmi. Għaldaqstant, tali imgħax beda jiddekorri mill-15 ta' Frar 2022, u dan skond l-*istatement of account* li jinsab a fol. 38, u tali imgħax jibqa' jiddekorri sakemm isir il-ħlas effettiv. B'dan ukoll illi l-imgħax ta' tmienja fil-mija (8%) ikun applikabbli. L-imgħax ta' tmienja fil-mija (8%) hu dak l-ammont ipprovdut fil-Kodiċi Ċivili illi għandu japplika, sakemm il-partijiet ma jiftiehmux fuq ammonti inqas jew sakemm ma tkunx applikabbli il-leġiżlazzjoni sussidjarja 16.06, u liema żewġ eċċezzjonijiet ma japplikawx f'dan il-każ.

<u>Spejjeż</u>

Is-soċjeta' attriċi ipprovdit kopji tal-ittra legali, u li tinsab a fol. 7, u tal-ittra uffiċċjali numru 2143/23, u li tinsab a fol. 8, b'dan illi l-konvenut għandu jħallas tali spejjeż ukoll.

L-ispejjeż ġudizzjarji ikunu deċiżi fid-***Decide***.

**Decide**

Għaldaqstant, dan it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' t-talba tas-soċjeta' attriċi kontra l-konvenut għall-ammont ta' elf u tliet mija u dsatax-il Ewro u tlieta u tmenin ċenteżmi tal-Ewro (Eur 1319.83) rappreżentanti flejjes inġuestament imħallsa lill-konvenut u kumpens għal perjodu ta' *notice* mhux maħdum flimkien mal-imgħax ta' tmienja fil-mija (8%) li beda jiddekorri mill-15 ta' Frar 2022 sad-data tal-ħlas effettiv kif ukoll l-ispejjeż in konnessjoni mal-ittra legali u l-ittra uffiċċjali bin-numru 2143/23.

L-ispejjeż ġudizzjarji marbuta ma' dawn il-proċeduri huma kollha a kariku tal-konvenut.

**Avv. Ilona Schembri**
Ġudikatur